DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 1822** **21. 08. 2012**

## AVVIŻ MID-DIRETTORAT GĦAS-SAĦĦA AMBJENTALI

Is-Servizzi tal-Ispettorat tas-Saħħa fi ħdan id-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali tas-Sovrantendenza tas-Saħħa Pubblika jixtieq jinforma lill-pubbliku ġenerali illi minn informazzjoni li rċieva permezz tas-Sistema ta' Twissija Rapida għall-Ikel u l-Għalf jista' jkun hawn fis-suq prodotti tal-ikel, partikolarment supplimenti għall-ikel li fihom 1,3 *Dimethylamylamine* (DMAA) u possibilment fil-pussess tal-konsumaturi. Jista' jkun li tali supplimenti jiddaħħlu għal użu personali mis-siti elettroniċi. DMAA huwa stimulant tas-Sistema Nervuża Ċentrali, relatat mal-amfetamina, li għalissa għadu ma ġiex stabbilit livell sigur. Il-konsum ta' DMAA, speċjalment mal-kaffeina ġie relatat ma' numru ta' każijiet dokumentati b'effetti negattivi serji fuq il-qalb u l-moħħ li jindikaw riskju serju għas-saħħa tal-konsumatur.

Żewġ ditti li probabilment iddaħħlu lokalment jinkludu:

- Jack3D magħmul mill-USP Labs tal-Istati Uniti
- Lipo-6 Black magħmul minn Nutrex tal-Istati Uniti

Ditti oħra li ġew implikati mill-Amministrazzjoni dwar Ikel u Mediċina tal-Istati Uniti u li nħarġu stqarrijiet dwarhom jinsabu fil-lista URL:
http://www.fda.gov/NewsEvents/Newsroom/PressAnnouncements/ucm302133.htm

F'każ ta' xi mistoqsijiet, il-pubbliku huwa ġentilment mitlub jikkuntattja s-Servizzi tal-Ispettorat tas-Saħħa bejn it-8.00am u s-2:30pm fuq in-numri tat-telefon 21337333 jew 21324093 jew bl-imejl fuq mhi@gov.mt.

Il-pubbliku huwa mitlub ukoll iżur il-paġna tad-Direttorat fuq Facebook http://www.facebook.com/pages/Environmental-Health-Directorate-Malta/145027878928626 jew is-sit uffiċjali fuq https://ehealth.gov.mt/HealthPortal/public_health/environmental-health/department_for_env_health.aspx għal informazzjoni simili.

**Attachments: None**



3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt